# Aħbar **Tajba**



Is 55, 6-9
S 144 (145), 2-3.8-9.17-18
Fil 1, 20ċ-24.27a
Mt 20, 1-16a

"Ħabib, minn xejn ma nqastek jien; mhux b'dinar ftehimt miegħi?
**Ħu li jmissek u itlaq. Lil dan tal-aħħar irrid nagħtih daqskemm tajt lilek."**

"Iss, mhux sew!" Naħseb mhux l-ewwel darba li għidt din il-frażi jew inkella jekk ma għidthiex b'mod li tinstema, forsi ħsibtha. Forsi l-mamà ħalliet lil xi ħadd minn ħutek joħroġ ma' sħabu u meta staqsejtha int qaltlek li ma tistax għax għadek żgħir. Jew inkella ma qbiltux x'se taraw fuq it-TV. Insomma, il-lista ta' affarijiet li għalina ma jidhrux *fair* hija twila!

Fl-Evanġelju tal-lum se niltaqgħu ma' sitwazzjoni simili ħafna. Kien hemm raġel sinjur li ħareġ ifittex ħaddiema għall-għalqa tiegħu. L-ewwel ħareġ filgħodu kmieni, u mal-ħaddiema ftiehem li jħallashom dinar ta' ġurnata xogħol. Issa dinar kien ħlas tajjeb ħafna għal dak iż-żmien. Imma wara ftit ra li kienu għadhom lura fix-xogħol u reġa' mar ifittex aktar ħaddiema. Għadda ftit tal-ħin ieħor u għamel l-istess.

Kull darba beda joħroġ u jsib ħaddiema ġodda biex jaħdmu fl-għalqu kbira tiegħu. Imma xħin wasal biex iħallashom beda bl-aħħar ħaddiema li sab u tahom dinar. U grupp wara l-ieħor ġew ħdejn is-sinjur u kollha ħadu l-ħlas miftiehem ta' dinar. Imma wħud minn dawk li ħadmu l-ġurnata kollha, gergru għax ippretendew li jitħallsu aktar minn dawk li ġew l-aħħar. Fl-aħħar, wieħed minnhom ma felaħx iżomm iktar u mar fuq is-sid igerger, imma s-sid dar fuqu u qallu: "Ħabib, minn xejn ma nqastek jien; mhux b'dinar ftehimt miegħi? Ħu li jmissek u itlaq. Lil dan tal-aħħar irrid nagħtih daqskemm tajt lilek. Ma nistax, nagħmel li rrid bi ħwejġi jien? Jew qiegħed tgħir għax jien qalbi tajba?" Forsi x'uħud minnkom jaqblu ftit mal-ħaddiema, għax tgħidu li ħadmu iktar. Imma Ġesù mhux jitkellem fuq paga ta' ġurnata xogħol tafux.

Ġesù qiegħed jitkellem fuq il-qalb tajba tas-Sinjur Alla li lest jagħti l-ħajja ta' dejjem lil kull min jimxi warajh, kemm lil dawk li qattgħu ħajjithom kollha jimxu warajh, kif ukoll lil dawk li wara li f'ħajjithom ikunu żbaljaw, jikkonvertu.

Tiftakru l-istorja tal-ħalliel imsallab ħdejn Ġesù? Kien qatta' ħafna minn ħajtu jgħix ħażin, imma xħin iltaqa' ma' Ġesù ġietu x-xewqa li jkun jixbhu ftit. Talbu jaħfirlu u mhux hekk biss... beda jaqbeż għal Ġesù mal-ħalliel l-ieħor li kien imsallab magħhom. U Ġesù qallu: "Illejla stess tkun il-Ġenna miegħi." Fl-aħħar mill-aħħar kollha niżbaljaw, imma ma naqtgħux qalbna għax jekk nistinkaw biex inkunu aħjar, Ġesù jaħfrilna. Għalhekk ejjew nibqgħu nimxu wara Ġesù u meta niżbaljaw induru lejh u nitolbuh jaħfrilna fis-Sagrament tal-Qrar.

## Sib il-Kelma

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.** PARABBOLA, SALTNA, SMEWWIET, SID, ĦAREĠ, FILGĦODU, GĦALQA, ĦADDIEMA, DINAR, TIELET, SITT, DISGĦA, ĦDAX, JGEMGMU, TGĦIR, QALBI, TAJBA.

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| N | T | A | J | B | A | P | Ħ | A | F |
| D | I | N | A | R | Ħ | A | R | E | Ġ |
| I | Ħ | U | F | L | A | R | H | E | M |
| S | D | S | I | D | D | A | L | U | M |
| GĦ | A | M | L | H | D | B | N | Ħ | A |
| A | X | E | GĦ | A | IE | B | S | L | L |
| W | T | W | O | W | M | O | I | A | GĦ |
| IE | R | W | D | S | A | L | T | N | A |
| Ħ | E | IE | U | GĦ | E | A | T | Ż | L |
| E | L | T | IE | L | E | T | GĦ | A | Q |
| J | G | E | M | G | M | U | I | T | A |
| P | IE | T | R | U | Ġ | E | R | U | S |
| N | Ġ | W | A | N | N | I | L | E | A |
| A | Q | A | L | B | I | S | Ù | M | M |



“Ħabib, minn xejn ma nqastek jien;
mhux b'dinar ftehimt miegħi?
**Ħu li jmissek u itlaq.**
**Lil dan tal-aħħar irrid nagħtih**
**daqskemm tajt lilek.”**

## L-Att tal-Indiema l-Qasira

Mulejja, Alla tiegħi, inti tħobbni ħafna,
jiddispjaċini talli għedtlek le bi dnubieti.
Mil-lum 'il quddiem,
bil-għajnuna mqaddsa tiegħek,
ma nerġax nagħmel dnubiet iżjed
u rrid inħobbok fuq kollox.



## L-Att tal-Indiema t-Twila

Mulejja, Alla tiegħi, jisgħobbija b'qalbi kollha
minn dnubieti ta' ħajti kollha.
Jisgħobbija, Mulejja, għall-ġenna li tlift
u għall-infern li rbaħt; imma fuq kollox
jisgħobbija għax regħextek
u offendejtek, kollok tjieba u ħniena.
Inħobbok, Mulejja, inħobbok fuq kollox;
mil-lum 'il quddiem, bil-għajnuna mqaddsa tiegħek,
ma nerġax nidneb iżjed,
la mmur fejn dari nidneb, naħrab ukoll
dak kollu li dari waqqagħni fid-dnub.


Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq




**info@sayitmalta.com**

Grazzi.

**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**

**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web




**Promozzjoni**

Issa tista' tirreklama fuq
Aħbar **Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ
kull ġimgħa u jitqassam
fil-parroċċi kollha
ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100
jew ibgħatilna email fuq
info@sayitmalta.com



AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.

mediacentre

YOUTHEME FOUNDATION